MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Civili Numru. 743/2004/1

**Saviour James Vella**

**v.**

**Antoinette Carmen Barbara**

**Il-Qorti:**

**Preliminari;**

B'citazzjoni pprezentata quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-5 ta' Ottubru 2004, l-attur ippremetta illi l-

kontendenti huma ulied Salvatore u Barbara konjugi Vella kif jidher mic-certifikati annessi u mmarkati bhala Dok “A” u Dok. “B”; illi Salvatore u Barbara konjugi Vella izzewgu fil-1950; illi Salvatore Vella miet fit-tmienja ta’ Frar tas-sena elfejn (08/02/2000) kif jidher mic-certifikat tal-mewt anness u mmarkat bhala Dok. “D”; illi Barbara Vella mietet fit-tlieta ta’ Ottubru tas-sena elfejn u tlieta (03/10/2003) kif jidher mic-certifikat tal-mewt anness u mmarkat Dok. ‘E’; illi Salvatore Vella kellu diversi assi parafernali u krediti fil-komunjoni ta’ l-akkwisti; illi Salvatore u Barbara konjugi Vella rregolaw u ddisponew mill-gid taghhom kollu ghal wara mewthom permezz ta’ zewg testmenti *unica charta* fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datati tlettax ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija u tmienja u tmenin (13/10/1988) anness u mmarkata bhala Dok. ‘F’ u iehor iddatat hdax ta’ Mejju tas-sena elf disa’ mija disgha u disghin (11/05/1999) anness u mmarkat bhala Dok. ‘G’; illi Salvatore u Barbara konjugi Vella fit-testment *unica charta* datat tlettax ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija tmienja u tmenin (13/10/1988) permezz tat-tielet artikolu innominaw lill-kontendenti bhala eredi universali u padruni ta’ gidhom ghal wara mewthom; illi fit-testment *unica charta* datat tlettax ta’ Ottubru tas-sena elf disa’ mija u tmienja u tmenin (13/10/1988) fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja it-testaturi permezz tar-raba’ artikolu ezentaw espressament lill-kontendenti wliedhom mill-obbligu ta' l-imputazzjoni ghal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta’ dak kollu li rcevew *jew ghad jistghu jircievu minghand it-testaturi ghal kull raguni u taht kull titolu*; illi fit-testment *unica charta* datat hdax ta’ Mejju elf disa’ mija disgha u disghin (11/05/1999) fl-atti tan-Nutar Dottor Mario Bugeja t-testaturi Salvatore u Barbara konjugi Vella permezz tat-tieni artikolu hassru t-tielt artikolu tat-testment precedenti u nnominaw lill-konvenuta bhala unica eredi universali u padruna ta’ gidhom ghal wara mewthom u permezz ta’ l-ewwel artikolu hallew lill-attur legati formanti parti principalment mill-assi parafernali ta’ Salvatore Vella u liema legati ma thallewx in sodisfazzjon tal-legittima spettanti lill-attur; illi l-konvenuta accettat l-eredita` tat-testaturi Salvatore u Barbara konjugi Vella permezz ta’ dikjarazzjoni ta’ trasferiment *causa mortis* relattivi; illi l-attur ghandu dritt li jinghata l-legittima spettanti lilu mill-

patrimonju tal-ġenituri tiegħu *ai termini* tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta; illi l-konvenuta fil-kwalita` tagħha ta' eredi tat-testaturi Salvatore u Barbara konjuġi Vella debitament interpellata mill-attur preżenti permezz ta' ittra uffiċjali datata 18 ta' Mejju, 2004 (Dok H) sabiex tiġi assenjata lilu l-leġittima baqgħet inadempjenti u wriet l-intenzjoni li ma kienetx disposta li tagħmel dak rikjest kif jidher minn ittra legali datata 24 ta' Mejju 2004 (Dok. I); dan premess l-attur talab li dik il-Qorti:-

1) Tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi ll-komunjoni tal-akkwisti ġa eżistenti bejn Salvatore u Barbara konjuġi Vella u dan mid-data taż-żwieġ tagħhom li seħħ fl-1950, billi jiġi ddikjarat li tikkonsisti fis-sustanzi u assi ppruvati waqt il-kawża;

2) Tiddividi f'żewġ porzjonijiet ugwali l-komunjoni tal-akkwisti kif llikwidata.

3) Tillikwida u tistabilixxi okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi l-beni parafernali u l-krediti fuq il-komunjoni ta' Salvatore u Barbara konjuġi Vella billi jiġi dikjarat jikkonsistu fis-sustanzi u assi ppruvati waqt il-kawża.

4) Tassenja l-beni hekk stabbiliti u llikwidati lill-assi partikolari ta' Salvatore Vella u lill-assi partikolari ta' Barbara Vella rispettivament u jiġi dikjarat li l-assi partikolari ta' Salvatore u Barbara konjuġi Vella jikkonsistu fil-beni hekk assenjati.

5) Tiddikjara d-dritt tal-attur għall-leġittima spettanti lilu mill-assi tal-ġenituri tiegħu Salvatore Vella u Barbara Vella rispettivament.

6) Tiddikjara li l-attur huwa eżenti milli jnaqqas il-valur ossia jimputa l-valur tal-legati mħollija lilu pemezz tat-testment *unica charta* datat ħdax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgħa u disgħin (11/05/1999), mill-leġittima dovuta lilu.

7) Tistabilixxi u tillikwida okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi l-leġittima dovuta lill-attura kemm mill-

assi ta' Salvatore Vella kif ukoll mill-assi ta' Barbara Vella u tassenja tant somom u beni kemm ikunu sufficjenti biex jissodisfaw il-legittima dovuta lill-attur.

8) Tikkundanna lill-konvenuta thallas lill-attur dik is-somma u taghti lill-attur dik il-kwota ta' immobbli stabbilita` minn dina l-Onorabbli Qorti.

9) Tinnomina Nutar sabiex jircievi u jippublika l-kuntratt relattiv, tinnomina kuraturi deputati ghall-eventwali kontumacja tal-konvenuta u tinnomina perit sabiex jipproponi pjan ta' divizjoni.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 18 ta' Mejju 2004, u tal-mandat ta' inibizzjoni pprezentat kontestwalment ma' dan l-att u bl-imghax legali mid-data ta' dan l-att kontra l-konvenuta li hi minn issa ngunta in subizzjoni.

B'nota pprezentata fl-20 ta' Jannar, 2005 l-konvenuta eccepiet:-

1) Illi, preliminarjament l-attur ma ghandux interess guridiku li jintavola l-kawza stante li huwa qua legatarju ghandu unikament d-dritt li jitlob legali imhollija lilu u mhux id-divizjoni tal-ereditajiet tal-genituri tieghu u/jew il-legittima, u dana meta l-konvenuta diga' accettat talba ta' l-istess attur sabiex timmetieh fil-pussess tal-legati.

2) Ili, subordinatament u minghajr ebda pregudizzju, t-talbiet attrici huma legalment improponibbli, guridikament infondati, inamissibbli u irriti stante li galadarba l-attur ghazel illi jitlob il-legati skond l-imsemmija testmenti ma jistghax jitlob aktar minn dak imholli lilu fl-imsemmija testmenti.

3) Illi, subordinatment u minghajr pregudizzju, it-talba attrici hija legalment irrita u inammissibbli kif ukoll guridikament infondata peress illi l-attur qua legatarju huwa tenut illi jimputa dak kollu li ircieva in via tal-legati ghall-legittima u l-legati mhollija lilu jissuperaw fil-valur l-istess legittima.

4) Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju, il-konvenuta hija eredi universali skond l-eredita` testamentarja li accetta l-istess attur meta talab il-legati u ghalhekk ma hemm l-ebda lok ta' likwidazzjoni u divizjoni kif mitluba.

**Is-sentenza appellata.**

Fit-2 ta' Mejju 2006, il-Prim Awla tal-Qorti Civili tat sentenza parzjali billi cahdet l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta u ddifferit il-kawza ghall-kontinwazzjoni tal-provi ghat-22 ta' Mejju, 2006. B'digriet tal-15 ta' Mejju 2006, l-konvenuta nghatat il-fakolta` li taghmel appell minn din is-sentenza.

Il-konsiderazzjonijiet li wasslu l-ewwel Qorti sabiex tichad l-ewwel zewg eccezzjonijiet tal-konvenuta kienu s-segwenti.
"Illi Salvatore Vella u martu Barbara Vella nee' Pasila ghamlu t-testment *unica charta* taghhom fis-17 ta; Mejju 1999 fl-atti tan-Nutar Mario Bugeja, liema testment kien l-ahhar testment tal-konjugi Vella u ghaldaqstant, jirregola l-eredita` taghhom.

"Illi permezz ta' dan it-testment, il-kontestaturi hallew b'titolu ta' legat in assoluta proprjeta` lil binhom Saviour James Vella ta' kull sehem li t-testatur ghandu tal-lista minn (i) sa (v) elenkata a fol 15. illi permezz ta' l-istess testment huma nnominaw bhala eredi universali u padruna assoluta ta' gidhom kollu lil binthom Antonia Barbara.

"L-attur intavola l-kaz in ezami stante li qed isostni li ghandu d-dritt li jinghata l-legittima spettanti lilu mill-patrimonju tal-genituri tieghu skond il-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghalhekk, talab il-likwidazzjoni tal-beni sabiex tigi assenjata l-legittima. Il-konvenuta eccepiet li –attur ma jistax jitlob divizjoni ta' l-ereditajiet tal-genituri tieghu jew il-legittima, stante li huwa m'ghandux interess guridiku u ma jistax jitlob xejn aktar oltre l-legati mhollija lilu permezz tat-testment ***unica charta***.

"Da parti tal-konvenuta, gie sostnut li ladarba l-legat gie accettat mill-attur, dan m'ghandu ebda dritt jitlob xejn iktar. Min-naha l-ohra, gie sostnut mill-attur li minn imkien ma jirrizulta li kien hemm talba ghall-immissjoni fil-pussess tal-legati u rinunzja ghall-legittima u kwindi ma kien hemm l-ebda accettazzjoni da parti tieghu.

"L-ewwel eccezzjoni tal-konvenuta tghid hekk li l-attur ma kellux interess guridiku li jintavola l-kawza stante li huwa qua legatarju kellu unikament id-dritt li jitlob legati imhollija lilu u mhux id-divizjoni ta' l-ereditajiet tal-genituri tieghu u/jew il-legittima, u dana meta l-konvenuta diga' kienet accettat talba ta' l-istess attur sabiex timmettieh fil-pussess tal-legati il-konvenuta ssostni li l-attur ma ghandux dritt jitlob il-legittima u dan minhabba li fil-fehma taghha ghazel li jiehu l-legati.

"Illi gie sottolienat fil-kawza **Stella Briffa et vs Caterina Scicluna et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fis-26 a' Gunju 1959:

"Ghandha ssir distinzjoni bejn il-pussess ta' legat u l-proprjeta` ta' l-istess legat; ghax il-pussess jghaddi '*per modum continuations*' fl-eredi, u jkun l-identiku pussess li kellu d-decujus fil-gurnata tal-mewt tieghu, u ghalhekk il-legatarju hu obbligat jitlob il-pussess lill-eredi, mentri l-proprieta`, jew id-"dritt" ghal haga legata, ssir tal-legatarju mill-gurnata ta' l-apertura tas-successjoni bis-sahha unikament tad-dispozizzjoni testamentarja, minghajr in-necessita` ta' ebda att da parti tal-legatarju, u sahansitra ad insaputa tieghu, u kwindi indipendentement mill-immissjoni tieghu fil-pussess tal-legat."

"Gie ribadit ukoll fil-kaz **Antonia Grech et vs Carmelo Farrugia et** deciza mill-Prim' Awla Qorti Civili fit-18 ta' Ottubru 1960,li

"Kwalunkwe legat pur u semplici jaghti lill-legatarju mill-gurnata tal-mewt tat-testatur, dritt trasmissibbli lill-eredi tieghu jew lill-aventi kawza minnu, li jikkonsegwixxi l-legat. Pero`, l-legatarju ghandu jitlob lill-eredi l-pussess tal-haga

legata, b'mod illi l-legat ma jgix trasferit "*ipso facto*" lill-legatarju.

"Dan gie affermat anke fil-kawza **Carmelo Sammut vs Avukat Dr. Giuseppe Sacco** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-21 ta' Mejju 1955:

"Ghalkemm il-proprjeta` ta' legat tghaddi mal-mewt tad-decujus, favur il-legatarju, il-pussess tal-legat huwa trasferit lill-eredi, u ghalhekk tehtieg it-talba tal-legatarju ghall-pussess tal-legat."

"F'dan il-kuntest, ta min ighid, li hija l-proprjeta` tal-legat li tghaddi lill-elgatarju mal-mewt tad-**decujus.** Izda, l-pussess tal-legat ighaddi wara li jsir l-immissjoni fil-pussess. B'dan l-argument ifisser li l-attur, fil-kaz in ezami, ghad ma sarx il-possessur tal-legat, imma huwa biss proprjetarju tal-legat. Mhux ikkontestat li l-applikazzjoni ghall-immissjoni fil-pussess ma saritx fil-kaz in kwistjoni.

"Illi ghalhekk, is-sugget ta' l-accettazzjoni tal-legat huwa konness ma' dan li ghadu kif gie spjegat. Dan ghaliex huwa minnu li:

"bhal fil-kaz ta' wirt, l-accettazzjoni ta' legat tista' tkun espressa jew tacita. U hija tacita meta l-legatarju jaghmel xi att li bilfors ifisser li hu ried jaccetta l-legat, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel jekk mhux bhala legatarju." Ara **Francesca Caruana et vs Valentina Caruana et** deciza mill-Qorti Prim' Awla fid-9 ta' Dicembru 1955).

F'din is-sentenza inghad:

"Ghalhekk l-accettazzjoni tacita tal-legat tinghata meta l-legatarju jaghmel xi att li bilfors ifisser li huwa ried jaccetta l-legat, u li ma kienx ikollu l-jedd li jaghmel jekk mhux bahal legatarju;"

U dan ghaliex hekk kif gie ribadit f'dan l-istess kaz, li jekk

"jigi ppruvat li dak il-legatarju accetta l-legat hekk lilu mholli, dak il-legatarju huwa prekluz milli jitlob u jottjeni

likwidazzjoni tal-wirt tal-genituri tieghu biex jottjeni d-drittijiet tieghu bhala wirt jew bhala legittima.”

“Illi fl-istess kaz ikompli jinghad li l-prova ta’ din l-accettazzjoni tinkombi mill-konvenuti li eccepewha proprju ghaliex:

“il-prova ta’ l-accettazzjoni taqa’ fuq min jallegaha.”

“Din l-accettazzjoni, bhal fil-kaz ta’ eredita`, ssir jew espressament jew tacitament, ghaliex kif osserva **Pacifici Mazzoni**:

“in entrambi i modi la volonta` puo essere manifestata; e la legge non prescrive che qui sia manifestata in maniera espressa e solenne.”
(Succes., Vol VII, par. 41)

Kemm-il darba tkun saret l-accettazzjoni da parti tal-legatarju, din l-accettazzjoni ma tistax titwaqqa’ u dan peress li jmur kontra l-principju “***protstatio contra actum non valet***”. Izda, fil-kaz odjern, ma tressqux provi bizzejjed biex jiddimostraw l-accettazzjoni tal-legat mill-legatarju.

“Ukoll fil-kawza **Azzopardi Michele pro et noe vs Mangion Antonia et** deciza fil-25 ta’ Novembru 1946 mill-Onor Qorti tal-Appell Civili Superjuri [Vol XXXII-I-423] jinghad:

“izda kif tajjeb irriteniet l-Ewwel Qorti il-ligi hija kategorika meta tghid illi r-rinunzja ghall-eredita` ma’ tistax tigi prezunta, u ma tistax issir b’mod iehor hlief permezz ta’ dikjarazzjoni prezentata fir-registru tal-qorti.”

“L-unika accenn li sar mill-konvenuta fir-rigward ta’ l-accettazzjoni ta’ l-attur ghal-legat imsemmi kienet ghal dik fl-ittra ufficjali (a fol 17) li per se ma tammontax ghal accettazzjoni tal-legat. Anzi, l-enfasi li sar fin-nota ta’ sottomissjonijiet tal-konvenuta, kien li ssemmew diversi sentenzi mill-gurisprudenza nostrana, fosthom il-kaz **Nobbli Rosario Ferro Montalto vs Nobbli Charles Vella**

**Bonavita et noe** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 1967. Veru li hawnhekk, kien gie affermat li:

"L-accettazzjoni ta' legat tista' tkun sew tacita kif ukoll espressa. Fil-kaz ta' legat japplikaw l-istess regoli dwar l-accettazzjoni tieghu li mill-ligi huma mposti ghall-accettazzjoni tal-eredita."

"Izda, f'dan il-kaz, l-eccezzjoni tal-konvenuta, fejn qalet li l-attur ma jistax jitlob il-legittima peress illi huwa diga kien accetta l-legat imholli lilu ma gietx milqugha la mill-Ewwel Qorti u anqas in segwitu mill-Qorti ta' l-Appell. Fl-istess sentenza inghad:

"illi semplici kongetturi ta' probabilita` ma huma qatt bizzejjed biex jiddistingwu dritt cert fuq il-bazi ta' inferenza …"

"Issa fir-rigward ta' dak eccepit ukoll mill-konvenuta li l-attur qua legatarju m'ghandux interess guridiku, il-Qorti ser tirreferi ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif preseduta fl-ismijiet **Laferla Insurance Agency Limited vs Brian Mallia** deciza fit-18 ta' Jannar 2006, fejn hemm elenkati l-principji kollha relevanti ghall-interess guridiku, fosthom li l-interess guridiku:

- irid ikun attwali [jezisti fil-mument li tigi proposta l-azjoni riferibilment ghal ksur ta' jedd u jibqa' jezisti fil-kors kollu tal-kawza]
- irid ikun dirett
- irid ikun legittimu [konformi ghad-dritt ta' l-attur, u mhux biss interess]
- irid ikun guridiku [interess li jadixxi l-Qorti biex jottjeni dak li jitlob]
- l-azzjoni trid tkun kapaci li twassal lill-attur ghall-otteniment ta' vantagg u utilita'
- ghandu jiskaturixxi minn vjolazzjoni jew theddida ta' vjolazzjoni ta' xi dritt li jappartjeni lill-attur
- il-kawza li jipproponi tkun tista' tipproducilu rizultat utili jew vantagguz ghalih
- irid jigi stabbilit in-ness guridiku bejn l-agir abbusiv u illegali allegatament kommess mill-konvenut u

d-danni jew almenu l-pregudizzju allegatament subit mill-attur konsegwenzjali ghal tali agir
- Ma jistax ikun ipotetiku, ghalkemm jista' jirreferi ghal jedd morali jew suggettiv.

"Fil-kaz in ezami l-attur huwa msemmi bhala legatarju fit-testment unica charta wara l-mewt tal-genituri tieghu. Huwa ovvju li l-attur ghandu interess ekonomiku fl-ezitu tal-kawza, dan peress li hu mhux sodisfatt bil-legat imholli lilu, u ghal dan il-ghan, istitwixxa din il-kawza biex jirreklama l-legittima.

"Minbarra dan, l-interess guridiku jezisti peress li l-kawza kif proposta mill-attur tista' tipproduci rizultat utili jew vantaggjuz, u l-interess kien jezisti fil-mument li giet proposta l-azzjoni u ghadu ezistenti. Huwa dritt ukoll ta' l-attur li jagixxi fil-kawza stante li huwa iben it-testaturi, u ghalhekk ghandu interess guridiku dirett, u mhux semplici interess. U jezisti n-ness guridiku bejn l-agir tal-konvenuta u dak li allegatament qed isofri minnu l-attur stante li huma z-zewg persuni msemmija fl-ahhar testment li sar mill-genituri taghhom.

"Fit-tieni eccezzjoni l-konvenuta sostniet li t-talbiet attrici kienu legalment improponibbli, guridikament infondati, inammissibbli I irriti stante li galadarba l-attur kien ghazel illi jitlob il-legati skond l-imsemmija testmenti ma kienx jista' jitlob aktar minn dak imholli lilu fl-imsemmija testmenti. Izda kif inghad hawn fuq r-rinunzja ghall-eredita` ma tistax tigi prezunta u trid tirrizulta b'mod kategoriku – haga li ma gietx ippruvata mill-konvenuta.

"Illi f'dan l-istadju, l-Qorti ma tarax li ghandha tidhol f'interpretazzjoni tad-disposizzjonijiet testamentarji hekk kif gie sottolineat fin-noti ta' sottomissjonijiet stante li dan irid jigi analizzat iktar il quddiem fil-mertu. U dan peress li kif ighid l-**Vitali** (opera citata, par. 1339) biex jigi determinat il-veru karattru ta' disposizzjoni testamentarja hemm bzonn li jigu rigwardati mhux biss il-kliem im[p]jegati mit-testatur u n-natura intrinsika tal-liberalita` li tkun giet maghmula, imma anke l-intenzjoni tat-testatur."

**L-appell tal-konvenuta.**
Il-konvenuta hasset ruhha aggravata bis-sentenza fuq imsemmija u ghalhekk, b'rikors intavolat fit-22 ta' Mejju 2006, talbet li, ghar-ragunijiet hemm moghtija, din il-Qorti tirrevoka u thassar l-imsemmija sentenza u minflok tilqa' l-ewwel zewg eccezzjonijiet ta' l-appellanti u ghalhekk tichad it-talbiet attrici bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellat.

Fir-risposta tieghu l-attur jghid li s-sentenza appellata hija gusta u tmmerita konferma, u dan anke ghar-ragunijiet moghtija fin-nota ta' sottomissjonijiet prezentata minnu quddiem l-ewwel Qorti, u ghalhekk l-appell ghandu jigi michud u s-sentenza appellata kkonfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

**Ikkunsidrat:**

Fir-rikors ta' l-appell jidher li l-appellanti hassitha aggravata billi hija, ssostni li hemm provi bizzejjed li juru li l-attur accetta l-legati mhollija lilu u li, konsegwentement, huwa ma ghadx ghandu interess guridiku li jistitwixxi dawn il-proceduri li huma indirizzati lejn l-likwidazzjoni u l-hlas tal-legittima spettanti lilu mill-wirt tal-genituri taghhom.

Il-fatti tal-kaz huma ben spjegati sew fic-citazzjoni kif ukoll fis-sentenza appellata billi, in sintezi, jidher li l-attur, qua legatarju u mhux eredi tal-genituri tieghu, qed jitlob li tigi assenjata lilu l-legittima minkejja li huwa gie mholli xi proprjeta` jew assi ohra b'titolu partikolari.

Minn qari tas-sentenza appellata jidher li l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzzjoni li l-attur kellu u ghandu interess guridiku jistitwixxi dawn il-proceduri billi ma kienx jirrizulta li huwa accetta l-legati mhollija lilu.

Bir-rispett kollu lejn dak li qalet l-ewwel Qorti, din il-Qorti hija ukoll tal-fehma li jezisti l-interess guridiku fl-attur biex jipproponi dawn il-proceduri, izda ghar-ragunijiet differenti.

Din il-kawza hija intiza sabiex l-attur jottjeni dak li, skond il-ligi huwa dovut lejh. Huwa ben stabbilit fil-ligi nostrana li

jekk it-testatur ikollu dixxendenti, axxendenti, zewg jew martu, ecc. is-sehem tal-beni tieghu li minnu jista' jiddisponi, hu dak li jibqa', wara li jitnaqqas is-sehem li jmiss lid-dixxendenti ecc. taht xi wahda mid-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 615 sas-653.[1] Issa filwaqt li l-Artikolu 615 jirribadixxi d-dritt tad-dixxendenti ghal-legittima, l-Artikolu 616 jistabilixxi dik il-kwota mill-eredita` tad-*decujus* li ghandha tigi kkunsidrata bhala s-sehem li tifforma l-legittima spettanti lil dak id-dixxendent. Dan ifisser li, irrispettivament mill-mod kif it-testatur jiddisponi minn gidu ghal wara mewtu, d-dixxendent huwa dejjem intitolat ghal dak is-sehem hekk imsejjah "*legittima portio*".

Imbaghad l-Artikolu 620 subartikolu (4) jiddisponi li "*Dak li jmissu l-legittima ghandu jaqta' minnha dak kollu li jkun ha minghand it-testatur u li jkun suggett ghall-kollazzjoni taht id-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 913 sad-938.*" Dan juri bic-car li ma hemm ebda inkompatibilita` bejn l-accettazzjoni tal-legati mhollija b'testment lid-dixxendent li, *per legge,* huwa intitolat ghal "*legittima portio*" u t-talba ghal-likwidazzjoni u hlas tal-legittima spettanti lilu.

Huwa f'dan il-kuntest li kellha tigi indirizzata l-indagini ta' l-ewwel Qorti billi, dak li kellu jigi deciz, fid-dawl tat-talbiet attrici, kien jekk, in vista` ta' l-ezenzjoni tal-kollazzjoni u imputazzjoni kontenuta fir-Raba' Artikolu tat-Testment tal-genituri tal-kontendenti tat-13 ta' Ottubru 1988, li jghid testwalment li "*Il-komparenti testaturi qed jezentaw lil uliedhom kollha* [u cioe` l-attur u l-konvenuta] *mill-obbligu tal-imputazzjoni ghal sehemhom u mill-konferiment fil-massa ereditarja ta' dak kollu li recevew jew ghad jistghu jircievu minghand it-testaturi ghal kull raguni u taht kull titolu.*" kellhiex tigi milqugha s-sitt (6) talba attrici fejn qed jintalab li l-Qorti "*Tiddikjara li l-attur huwa ezenti milli jnaqqas il-valur ossia jimputa l-valur tal-legati mhollija lilu permezz tat-testment unica charta datat hdax ta' Mejju tas-sena elf disa' mija u disgha u disghin (11/05/1999), mill-legittima dovuta lilu*." Dan kien il-pern kollu tal-kwistjoni u mhux jekk l-attur ghandux interess guridiku li jistitwixxi dawn il-proceduri billi dan id-dritt huwa moghti

[1] Art. 614(2) Kodici Civili.

lilu mill-ligi meta hemm riservat favur tieghu d-dritt tal-legittima qua dixxendent tat-testaturi.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija, u mhux ghal dawk li jinghataw fis-sentenza appellata, is-sentenza appellata qed tigi kkonfermata bl-ispejjez ta’ din l-istanza ghall-konvenuta appellanti u konsegwentement il-Qorti tordna li l-atti tal-kawza jergghu jintbaghtu quddiem l-ewwel Qorti ghall-kontinwazzjoni skond il-ligi u fid-dawl ta' dak li jinghad aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------